24 ta' Ottubru, 1953.

**Imhallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Lawrence Formosa**

## Traffiku — "Parking" — Negliġenza — Prova.

***Min ikollu taħt il-kontroll tiegħu karrozza pparkjata, għandu l-obbligu li jagħmel il-prova li teskludi n-negliġenza tiegħu, jekk jiġri li fl-assenza tiegħu l-karrozza titqanqal minn fejn kienet ipparkjata u tagħmel ħsara.***

***Jekk dak li għandu l-karrozza taħt il-kontroll tiegħu ħalliha pparkjata bil-bibien mhux magħfulin, huwa ma jasalx biex jagħmel din il-prova li teskludi n-negliġenza tiegħu, avvolja juri illi jkun ħa prekawzjonijiet oħra biex il-karrozza ma titqanqalx fl-assenza tiegħu; għax il-fatt li hu ħalla l-bibien tal-karrozza mhux magħfulin jin-***

*newtralizza l-prekawzjonijiet kollha li jkun ħa.*

*Hu assolutament neċessarju li karrozza pparkjata, partikolarment għal żmien twil, tinżamm magħluqa; u din mhix xi prekawzjoni straordinarja, imma hija prekawzjoni l-aktar elementari, li mingħajrha jista' jkun għal ta' xejn li jittieħdu prekawzjonijiet oħra.*

*Il-fatt li l-karrozza tkun tqanqlet għax xi ħadd messha jew bagħbas fiha ma jeħħix in-negliġenza ta' min kellu l-kontroll tal-karrozza; għax hu paċifiku f'din il-materja li l-aċċident xejn ma jiswa biex jiskrimina l-egħmil ta' l-imputat meta l-aċċident ikun preċedut minn xi negliġenza ta' l-imputat.*

Il-Qorti — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli dan, fis-17 ta' Lulju 1953, ħalla l-motor car tiegħu pparkjata f'Norfolk Street, tas-Sliema, mingħajr ma ħa ħsieb biżżejjed li ma titmexxiex meta hu ma kienx hemm, u talli, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u billi ma osservax ir-regolamenti, l-istess motor car imxiet 'il quddiem, ħabtet ma' motor car oħra, u għamlitilha ħsara;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Awissu 1953, li biha dik il-Qorti sabitu ħati skond l-imputazzjoni, iżda llibratu taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella lil din il-Qorti u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-assolutorja inkondizzjonata tiegħu;

Semgħet il-provi u l-argumenti;

U kkunsidrat;

Mill-provi deher li l-imputat ipparkja l-karrozza tiegħu "għan-niżla". Dan ma kienx parking momentaneu — f'liema każ kienu jistgħu talvolta jidħlu aspetti oħra; imma parking fit-tul, għaliex il-karrozza kienet ilha hemm ipparkjata xi tlitt ijiem qabel l-inċident. Deher ukoll mill-provi li l-karrozza żżerżqet u mxiet 'il quddiem, u daħlet ġo karrozza oħra u għamlitilha ħsara;

Il-Maġistrat qal sewwa li l-"onus probandi", f'sens ta' esklużjoni tan-negliġenza, hu mixħut fuq l-imputat. Infatti, ġie deċiż, u bir-raġun, mill-Qrati Ingliżi, illi "the mere fact that a motor car left unattended runs down a hill is itself evidence of negligence against the person in control of the

car" (ara Parker v. Miller (1926) 42 T.L.R. 408; Martin v. Stanborough (1924) 41 T.L.R. 1). Jista' jiżdied li b'liġi — reg. 58 tal-Motor Vehicles Regulations (G.N. 24 ta' l-1948) hemm dispost:— "He shall not leave the motor vehicle unattended without having taken due precaution against its being started in his absence";

L-imputat xehed li hu kien ibbrejkja l-karrozza, u kien anki dawrilha r-roti ta' quddiem lejn il-bankina. Qal ukoll li kien ingranaha, iżda ma jafx jekk kienx ingranaha fuq l-"first" jew fuq ir-"reverse". Din l-aħħar ċirku tanza hi ftit strana, għax hu evidenti li għan-nizla jeħtieġ li l-karrozza tkun ingranata fuq ir-"reverse", biex jiġi impedut il-"forward movement" tagħha, u mhux tkun ingranata fuq "forward gear", kif inhu l-"first", għalkemm dan jirrallenta l-mixi. Il-bibien tal-karrozza, però, ma kienux maqfulin;

Issa, li karrozza tkun — meta pparkjata għan-niżla — ibbrejkjata, bir-roti mdawrin lejn il-bankina, u ingranata fuq ir-"reverse", hi ħaġa li tikkostitwixxi egħmil prudenti. Fil-kampanja, fejn ikun hemm ġebel ta' ċertu daqs fil-viċin, tista' tittieħed prekawzjoni oħra, ċjoè titqiegħed ġebla quddiem waħda mir-roti ta' quddiem; imma fil-bliet mhux dejjem faċli li wieħed isib ġebla fil-viċin. L-imputat, però, innewtralizza dak kollu li għamel "malli ħalla l-bibien mhux maqfulin". Dik kienet negliġenza primarja, għaliex biha ġew svalorizzati l-prekawzjonijiet l-oħra. Infatti, apparti dak li jistgħu jagħmlu malizzjożament nies ta' età adulta, hi ħaġa risaputa li għal tfal ta' ċerta età karrozza wieqfa għandha attrazzjoni irreżistibili. Din hi konsegwenza tal-psikoloġija ta' dik l-età, li fost il-karattri tagħha hemm dak li l-Altavilla, fit-trattat tiegħu "La Psicologia Giudiziaria", paġ. 40, esprima bil-kliem "il fanciullo è corroso da una inestinguibile curiosità". Kulħadd jista' josserva kif tfal iħarsu b'interess kbir lejn karrozza, u jibdew ibabsu fiha malli ma jkun hemm ħadd jieħu ħsiebha. Din hi ħaġa li tirrendi assolutament neċessarju li karrozza pparkjata, partikularment għal żmien twil, tiġi magħluqa; għaliex tifel jista' jħoll il-brake, jew imiss il-clutch, jew anki jdawwar li steering, u b'hekk jirrendi frustranei l-braking, l-ingranar, u l-inklinazzjoni tar-

roti lejn il-bankina. Din mhijiex prekawzjoni straordinarja, imma prekawzjoni l-aktar elementari, li mingħajrha jista' jkun għal ta' xejn li jittieħdu l-prekawzjonijiet l-oħra. Kienet ħaġa assolutament imprudenti li l-imputat iħalli l-karrozza tiegħu pparkjata f'niżla, partikularment għal żmien twil, u intant iħalli l-bibien tagħha mhux maqfula;

Infatti, ġara f'dan il-każ dak li kien ferm prevedibili li jista' jiġri. Il-provi juru li kien hemm xi tifel, li kien qiegħed ibagħbas il-karrozza, u li kien speċi ta' deċiż li ma jħallihiex "stationary", għax sa anki pprova jagħtiha moviment billi rabat biċċa ħabel mal-bumper ta' quddiem;

Issa, jekk hu veru li l-karrozza kienet ibbrejkjata, birroti nklinati l-quddiem, u ngranata sija pure fuq ir-"reverse", bilfors, biex telqet il-quddiem, li dak it-tifel, jew ħadd ieħor, bgħabas xi ħaġa minn ġewwa u neħħa dak li kien qiegħed iżomm il-karrozza milli timxi. Altrimenti ma hemmx spjegazzjoni ta' dak li ġara; u l-imputat, appożitament mistoqsi, ebda ebda spjegazzjoni ma seta' jagħti;

Issa, il-fatt tat-tifel, jew ta' xi ħadd ieħor, ma jneħħix in-negliġenza ta' l-imputat; għaliex hu paċifiku f'din il-materja li l-aċċident xejn ma jiswa biex jiskrimina l-għemil tal-imputat meta l-aċċident ikun preċedut minn xi negliġenza tiegħu. Qal il-Chironi, Colpa Extra-contrattuale, Lib. II, n. 542 bis:- "L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessità, quali mezzi liberatori della responsabilità, cessa quando questi avvenimenti sieni preceduti da dolo o colpa dell'agente........ Il fatto illecito si connette allora al comportamento giuridicamente anormale; nè sarà valevole l'eccezione liberatoria, perchè inutilizzata dal dolo o dalla colpa precedente. Da tale stato illecito ebbe esistenza diretta l'ingiuria, sebbene paia dal caso fortuito o dalla forza maggiore". Hekk, f'dan il-każ, kieku l-bibien tal-karrozza kienu maqfulin, it-terz ma kienx jista' jmiss il-kontrolli tagħha; u kwindi fil-verità il-kaġun ta' dak li ġara kienet in-negliġenza anteċe-

denti ta' l-imputat (ara wkoll applikazjoni ta' dan il-prinċipju App. Inf. "Ciantar vs. Gatt", XXVI-I-313) ;

Għalhekk ma hemm xejn x'jiġi ċensurat fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata u l-appell miċħud.